**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Ajak Ahmed Menjan**
**Amawi Josef**
**Omissis**
**Mustafa Muhammed Noor**
**Bedan Jossin**

**Kumpilazzjoni 482/2020**

**Illum, 13 t'Ottubru 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"**Ajak Ahmed Menjan,** detentur tan-numru tal-pulizija 20HH-052;

**Amawi Josef**, detentur tan-numru tal-pulizija 20HH-067;

**Omissis**

**Mustafa Muhammed Noor**, detentur tan-numru tal-pulizija 20O-006;

**Bedan Jossin**, detentur tan-numru tal-pulizija 20O-018.

U nakkuzahom talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal-Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikoli 325 (1)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kinietx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallijhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hasru dak li haddiehor kun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal-Safi u dan bi ksur tal-artikolu 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li qed nesbixxi l-personal details forms ta' l-imputati, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi."

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Tat zmien ragonevoli lil kull imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati Ajak Ahmed Menjan, Amawi Josef, Mustafa Muhammed Noor, u Bedan Jossin regghu affermaw l-ammissjoni taighhom anke wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw il-posizzjoni taghhom;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni tal-imputati Ajak Ahmed Menjan, Amawi Josef, Mustafa Muhammed Noor, u Bedan Jossin l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, fir-rigward ta' kull imputat, din il-Qorti mhux qed tqis biss l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 325 (1)(a), 68(2) u (3), 338 (ee), 338(dd), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Ajak Ahmed Menjan, Amawi Josef, Mustafa Muhammed Noor, u Bedan Jossin ħatja u wara li qieset in-natura tar-reati minnhom konnessi, il-kollaborazzjoni taghhom mal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija taghhom tikkundanna lill-imputat **Ajak Ahmed Menjan** ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija effettivi; u tikkundanna lill-imputat **Amawi Josef** ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija effettivi; u tikkundanna lill-imputat **Mustafa Muhammed Noor** ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija effettivi; u tikkundanna lill-imputat **Bedan Jossin** ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat lil kull imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur